

Brussell, 1 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

10738/19

ENER 395  
WTO 188  
FDI 18

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| Nru dok. Cion: | 9305/19<br>+ ADD 1                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett:       | Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni li tawtorizza d-dħul f'negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija<br>- Deċiżjoni tal-Kunsill<br>- Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija<br>- Direttivi ta' Negozjati<br><i>Adozzjoni</i> |

1. Fl-14 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza d-dħul f'negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija flimkien ma' Anness li jinkludi t-test tad-direttivi ta' negozjati<sup>1</sup>.
2. Il-proposta ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija u l-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Servizzi u Investiment) u ġiet riveduta miż-żewġ Gruppi ta' Ħidma. Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ġiet proposta għall-kompetenzi tal-Istati Membri<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> dok. 9305/19 + ADD 1

<sup>2</sup> dok. 10747/19 LIMITE

3. Wara proċedura informali ta' silenzju fis-26 ta' Ġunju 2019 fi ħdan il-grupp ta' hídma dwar l-Enerġija, intlaħaq ftehim dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.
4. Wara proċedura informali ta' silenzju fit-28 ta' Ġunju 2019 fi ħdan il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Servizzi u Investiment), intlaħaq ftehim dwar l-elementi relatati mal-kummerċ tad-direttivi ta' negozjati (jiġifieri l-protezzjoni tal-investiment, l-iżvilupp sostenibbli u r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji (CSR), l-organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika ("REIO"), qabel l-investiment u t-tranżitu). Wara proċedura informali ta' silenzju fit-2 ta' Lulju 2019 fi ħdan il-Grupp ta' Hídma dwar l-Enerġija, intlaħaq ftehim dwar elementi relatati mal-enerġija tad-direttivi ta' negozjati (jiġifieri l-proċess tan-negozjati, in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim, il-prinċipji ġenerali u l-oġettivi, id-definizzjoni ta' "Karta", id-definizzjoni ta' "attività ekonomika fis-settur tal-enerġija" u t-tħassir ta' dispożizzjonijiet skaduti).
5. Soġġett għal konferma mill-Coreper, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 10745/19 LIMITE u d-direttivi ta' negozjati li jakkumpanjawha kif jinsabu fid-dokument 10745/19 ADD 1 LIMITE<sup>3</sup>;
  - jippubblika d-direttivi ta' negozjati wara li jiġu adottati, abbażi tal-fehim li din id-deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent għal direttivi oħra ta' negozjati, u li kwalunkwe deċiżjoni biex joħroġu direttivi oħra ta' negozjati għandha tittieħed skont il-każ, billi jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa għal trasparenza u l-ħtieġa għal ċertu livell ta' kunfidenzjalità sabiex tiġi żgurata l-effettività tan-negozjati.

---

<sup>3</sup> Nota: It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (bl-esklużjoni tad-direttivi ta' negozjati) u tad-Deċiżjoni tal-Istati Membri bħalissa qed jiġi rivedut mill-ġuristi-lingwisti. Barra minn hekk, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Istati Membri u d-direttivi ta' negozjati qed jiġi tradott wkoll.

6. L-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li jiltaqgħu fi ħdan Coreper huma wkoll mistiedna japprovaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u jirrakkomandaw lir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill biex:
- jadotta d-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li huma partijiet għat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kif tinsab f'id-dokument 10747/19 LIMITE<sup>3</sup>.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat u d-Deċiżjonijiet ser jintbagħtu lill-PE.